MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 369/2011

**Franco Vella u Pauline Vella**

**vs**

**Simon Attard u Rita Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promoturipprezentat mill-atturi nhar l-ewwel (1) ta’ Novembru, 2011, fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta’ erbat elef, tlett mija, wiehed u hamsin Ewro u tlettax-il Ewro centesmu (€4,351.13) rapprezentanti ammont dovut skont kont mahrug minn ARMS Limited ghal konsum tad-dawl u ilma li sar fil-fondi numru disgha w sebghin (79) u l-garaxx sottostanti fi Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, ghal perijodu li dawn il-fondi kienu mikrija lill-konvenuti u ghal liema konsum il-konvenuti huma responsabbli ghal hlas tieghu ai termini tal-ftehim ta’ lokazzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju (Mandat Numru 3216/11) ipprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.
Rat il-verbal tad-disgha w ghoxrin (29) ta’ Marzu, 2012 fejn l-atturi pprezentaw nota ta’ riduzzjoni u l-Qorti giet infurmata li hemm possibilta’ ta’ transazzjoni. Il-Qorti ezentat lill-konvenuti milli jipprezentaw risposta.

Rat in-nota tal-atturi ipprezentata fid-disgha w ghoxrin (29) ta’ Marzu, 2012 *“li permezz taghha qed jirriducu s-sorte bl-ammont ta’ elf u sebghin Ewro (€1,070) biex b’hekk is-sorte pretiz mill-atturi permezz tal-avviz odjern huwa ta’ tlett elef, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u tlettax–il centesmu (€3,281.13) oltre l-imghaxijiet dovuti skont Ligi u l-ispejjez.”*

Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2012 deher Dr. Carlo Vigna u pprezenta nota ta’ riduzjoni ohra u cioe’ ghas-somma ta’ elfejn u tlieta w erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,043.62).

Rat illi fl-istess seduta tal-21 ta’ Novembru 2012 deher ukoll Dr. Victor Axiaq u assista lill-konvenut Simon Attard li bil-gurament tieghu ammetta li huwa, flimkien ma’ martu, huma debituri tal-atturi fl-ammont imsemmi fin-nota ta’ riduzzjoni u cioe’ li llum il-gurnata huma ghandhom jaghtu s-somma ta’ elfejn u tlieta w erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,043.62).

**Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tilqa’ it-talba attrici f’ammont inferjuri, qieghda tikkundanna lill-konvenuti, fuq ammissjoni tal-konvenut Simon Attard stess, sabiex ihalsu lill-atturi s-somma ta’ elfejn u tlieta w erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,043.62).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jithalsu mill-konvenuti in toto.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------